# Il-vjaġġ lejn l-iskola tal-istudenti fl-iskejjel sekondarji.

**Ġużepp Buttigieg, illum Mons. Buttigieg, jagħtina l-ideat tiegħu dwar dan il-vjaġġ madwar ħamsin sena ilu. Jessica Xerri tagħtina l-ideat tagħha dwar il-vjaġġ illum, fis-sena 2000.**

## *Madwar 50 sena ilu*

Tlaqna? ... Lejn l-iskola r-Rabat!!! F'Ottubru tal-1945 bdejt immur l-iskola r-Rabat. F'Ġunju, xahar wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija, 70 student minn Għawdex kollu għamilna Eżami Selettiv għal-Liċeo. Għaddejna 11 il-tifel biss. Kellna madwar tnax il-sena.

B'xorti kbira kienet spiċċat il-gwerra, il-petrol ma baqax bir-razzjon u x-xarabanks setgħu jorganizzaw ruħhom aħjar. Ta' qabilna batew aktar minna. Kienu jterrqu bil-mixi għar-Rabat u lura. F'dak iż-żmien Għawdex kien hawn biss 13-il xarabank li kemm domt il-Liċeo jien sal-1950, żdiedu b'waħda għal 14. Ix-xarabanks kienu għadhom mhumiex kumpanija u kulħadd kien jaħdem fuq il-linja tar-raħal tiegħu. Il-Qala kien hawn tliet xarabanks li kienu jaħdmu l-linja tal-Qala u Għajnsielem, billi Għajnsielem ma kien hemm l-ebda waħda. Tnejn minnhom kienu "Bedford" u jgħabbu 22 passiġġier: waħda ta' Anġlu ta' Tuneż: Bus No. 2377 u l-oħra ta' Salvu tal-Furnar, Bus No. 1278. Toni ta' Gejta kellu l-oħra li kienet "Reo" Bus No. 3138. Din kienet tgħabbi 23 passiġġier. Ix-xarabanks kienu kollha miżbugħin kulur griż u fuq abjad u tal-Qala bil-faxxa ċelesti. Tiskantawx bin-numru ta' passiġġieri: l-akbar waħda f'dak iż-żmien kienet tgħabbi 28 ruħ. F'dan il-perjodu x-xarabanks kienu bdew jinbidlu f'oħrajn aktar moderni li bdew jgħabbu 32 u 36 passiġġier. Tafu x'ħin konna nitilqu? Fis-7.00a.m. Jekk trid! Konna nqumu kmieni għall-aħħar Quddiesa fil-parroċċa fis-6.00a.m. ta' filgħodu. Ma tantx konna nħossuha. Filgħaxija konna norqdu kmieni - mat-tiġieġ kif jgħidu. Bil-lampa tal-pitrolju x'toqgħod tagħmel?!



*Din hi waħda mix-xarabanks li fis-snin 40 sa l-190 konna mmorru l-iskola biha. Hija l-Bedford ta' Anġlu Cefai ta' Tunes. meta ttieħed ir-ritratt kienet saret il-propjeta ta' wieħed mir-Rabat u għalhekk mhux kollox jidher kif inhuma diskretti x-xarabanks tal-linja tal-Qala, f'dan -artiklu*

Min imissu bina llum? Tisma' lil xi ħadd jgħid it-Tnejn filgħodu, għax kienu jagħmlu ġimgħa kull wieħed. Il-karozza tat-tfal - hekk kienu jsibuha x-xarabank li tieħu lilna. It-Tnejn l-oħra waħda bin-nies titlaq mill-Qala u l-oħra minn Għajnsielem: lura waħda fid-9.00a.m. u l-oħra fl-10.00a.m. għal Għajnsielem u l-Qala f'daqqa u mbagħad għal ġol-garaxx sal-għada filgħodu ġeneralment.

Nisthajjilkom tgħidu: "Min jaf kemm konħtu tiffullaw biex tirkbu?" ... Għalfejn? Bejna kollha tal-Qala u ta' Għajnsielem kulħadd kellu post: jekk jibqa' xi ħadd bil-wieqfa jiddeffes ma' tnejn oħra. Konna drajna naqsmu kollox bejnietna għax kulħadd kien nieqes minn kollox. Ftit għal-Liċeo - subien - mill-Qala f'ħames snin kont dejjem waħdi fil-Liċeo kollu. Numru sabiħ ta' subien kienu jmorru s-Seminarju sal-Form 5, min ma kienx ikun għall-Qassis. Xi wħud minn tas-Seminarju kienu akkwistaw rota u forsi xi racer sabiħ u kienu jmorru bih. Dak inhar ikollok rota bħallikieku illum għandek karozza ara wiċċek!! Xi ftit bniet għall-iskola Sekondarja tal-Bniet. B'din li ser ngħidilkom tiskantaw intom illum! Jekk tifel kien jibqa' bil-wieqfa u jkun hemm tifla waħedha fis-seat ma kienx ipoġġi ħdejha u l-kuntrarju l-anqas tifla ma tpoġġi fejn tifel. Għaliex? Konna nistħu, veru taf. U naħseb konna ftit boloħ. Kien hemm min jirbaħ din il-mistħija. Mhux bħalkom tal-lum eh! Terfagħlek jew terfalha xi post: xi tgħidu? Sa hawn ma jimpurtax taf. Ma ġara xejn.

Trid tarana naslu għax-xarabank. Ma kellniex satchels, jew attachè cases bħal tagħkom - le, min xi bagalja tal-kartun, min xi borża - jien kelli bagalja tal-injam, sabiħa taf ... tal-kewkba llustrata! Kont niżżattat biha - billi missieri kien baħri, ħadimhielu xi ħadd ħabib tiegħu d-dockyard. Għax kieku! Mal-kotba xi biċċa ħobż bil-ġobon u tadama u x'xorti kellna! Fil-gwerra ma konniex insibuhom bilġri.

Tlaqna mill-Qala, għaddejna minn Għajnsielem u wasalna r-Rabat taħt Putirjal - ma kienx hemm



*Il-Karozza tal-linja tal-Qala, Ritratt meħud fl-1935 fil-Pjazza ewlenija tax-Xagħra.*

Bus Terminus. Minn hawn nitilqu: tfajliet għall-iskola li kienet dar fit-Triq it-Tiġrija (illum hija Triq ir-Repubblika) ħdejn l-Għassa tal-Pulizija; tas-Seminarju kien ikollhom xi kamra, biex joqogħdu fiha fil-brejk ta' nofsinhar; aħna dak iż-żmien skola san-nofs siegħa u s-Sibt ukoll biex ikollna żmien nistudjaw fid-dawl tax-xemx - għax imbagħad bil-lampa tal-pitrolju. U aħna s-subien? Għall-pjazza tat-Tokk. Niltaqgħu minn kull rokna t'Għawdex, bil-qiegħda fuq xi bank, nitħaddtu u nqabblu l-homework. X'ħin joqrob il-ħin, minn hemm nitilqu għas-suq, quddiem San Ġorġ għal Triq il-Karita' fejn wara San Ġorġ, qrib il-Vajringa ġo pjazzetta kien hemm l-iskola - il-Liċeo - dar komuni. U meta tkun ix-xita jew ħafna bard? Nibqgħu sejrin u nieqfu għand Ġoġo tal-kotba. Ġoġo Pace kien ibigħ il-kotba u kellu speċi ta' stationary. Kien idaħħalna bil-qalb, għax kulħadd jixtri xi ħaġa: xi tokka, xi lapes, riga, pitazz: il-kotba fil-bidu tas-sena. U hekk wasalna l-iskola. Nistħajjilkom tgħidu "tokka" x'inhi? Il-Pinna: lasta tal-injam, daqs lapes, pennina (pinna) imwaħħla fiha, inbilluha fil-klamar bl-linka u niktbu. Il-biros ma kinux jeżistu dak inhar u biex ikollok fountain pen, trid tkun ilħaqt xi ħaġa!

# Il-Vjaġġ lejn l-Iskola fis-Sena 2000

minn Jessica Xerri

Wara li nieħu l-kolazzjon, nilbes u nipprepara biex nitlaq lejn l-iskola. Nerfa' t-tagħbija tal-basket ta' l-iskola fuq dahri u nitlob lil ommi biex tberikni.

Nitlaq fis-sebgħa u nofs, qajla, qajla lejn il-kantuniera biex niltaqa' mal-ħbieb tiegħi; Miriam u Marlene. Aħna u sejrin ġieli nitkellmu fuq xi aħbar, jew ngħidu xi ċajta kultant, imma ta' spiss ingergru bit-tagħbija li għandna wara daharna.

Malli naslu, il-karozza tal-linja tas-sebgħa u nofs, tkun ilha li telqet, aħna mmorru ma' tat-tmienja neqsin kwart, ġieli ddum sat-tmienja ma' tiġi.

Sa xħin tiġi l-karozza, jekk inkunu qrib l-eżamijiet erħilna naqbdu n-noti u nistudjaw imma jkun hemm min flok jistudja joqgħod jitmasħar mal-ħin sabiex tasal il-karozza tal-linja ma ddumx. Meta ma jkunx qrib l-eżamijeit erħilna ngħidu ċ-ċajt jew naqbdu xi parlata man-nies li jkunu qegħdin jistennew il-karozza biex imorru jagħmlu xi xirja r-Rabat.

X'ħin naraw il-karozza tal-linja ġejja, mmorru niġru biex nilħqu post. Il-karozza tal-linja dejjem tkun mimlija daqs bajda f'dan il-ħin, ma jkunx hemm fejn taqa' labra.

Jekk inkunu bil-wieqfa, jkollna naraw kif inżommu l-bilanċ biex ma naqgħux. Inkunu ħafna skomdi, bil-basket wara daharna.

Meta nkunu bil-qiegħda komdi nħobbu naqraw xi ktieb jew inħarsu mit-tieqa nitpaxxew b'xi veduta sabiħa. Qatt ma nonqsu biex nagħtu postna meta jkun hemm xi anzjani jew xi ħadd b'xi tarbija f'idejh bil-wieqfa. Meta tkun ix-xita nieħdu gost naraw it-taqtir tax-xita jtektek fuq it-twieqi, imma nkunu nafu x'ġej għalina. Meta naslu ħdejn l-iskola, saqajna għal ġol-wied li b'xorti tajba ma jeħdokx miegħu. Meta l-pulizija tat-traffiku jgħinna naqsmu aħna b'ġirja waħda mmorru fl-iskola nbiddlu l-kalzetti mxarrba ma' dawk li jkollna "spare" ġol-basket.



*Jessica Xerri studenta f'Agius De Soldanis Junior Lyceum, Victoria*

Din hi l-ħajja tiegħi u ta' sħabi ta' kull filgħodu. Għall-grazzja t'Alla s'issa kollox mar b'wiċċ il-ġid. Il-ħin narah għaddej malajr x'ħin inkun mal-ħbieb! Għalkemm gergirt xi ftit, b'ebda mod ma nixtieq li kont ngħix fl-imgħoddi meta t-trasport kien skars u kien ikollhom imorru l-iskola lejn ir-Rabat bil-mixi u anke forsi ħafjin.